MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI

MINISTRY FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT

MALTA

*Ministerial Procurement Unit*

*Ministerial Procurement Unit*

# Sejħa għal Spazju ta' Uffiċċju f'Bormla, Birgu, l-Isla u l-Kalkara għall-Cottonera Rehabilitation Committee

Rif. MJCL/MPU/2/2018/5

---

Il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali se jkun qed jilqa' offerti **għall-kiri ta' uffiċċji**.

Dawn li ġejjin huma l-**kriterji mandatorji:**

**Kriterji Tekniċi:**

1. Il-post għandu jkun preferibbilment f'wieħed minn dawn il-lokalitajiet imsemmija hawn taħt u għandu jkollu l-permessi meħtieġa: Bormla, Birgu, l-Isla jew il-Kalkara.
2. L-ispazju għall-uffiċini għandu jkun ta' madwar $150m^2$ u $200m^2$ li jkopri r-rekwiżiti kollha.
3. L-uffiċċji għandhom ikunu fi stat komplut jew irranġati skont il-kundizzjonijiet mitluba tal-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, minn sid il-post. <u>L-ispejjeż relatati max-xogħlijiet neċessarji sabiex il-binja titlesta u tiġi fi stat komplut għandhom jitħallsu mis-sid tal-binja</u>. <u>L-ebda spiża m'għandha tiġi trasferita għal fuq il-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali jew tkun inkluża fil-kera annwali</u>. Kull xogħol mitmum għandu jitlesta fi żmien sitt ġimgħat mill-firma tal-kuntratt. Il-Contracting Authority għandha dritt li waqt l-evalwazzjoni tal-offerti tistaqsi lil min tefa' l-offerta biex jikkonferma li l-bini (jekk jintgħażel) se jkun komplut minn sid il-binja skont il-pjanta mogħtija mill-Contracting Authority fi żmin sitt ġimgħat.
4. Żewġ (2) *restrooms* għan-nisa / irġiel kif ukoll għal persuni bi bżonnijiet speċjali huma neċessarji.
5. Il-bini għandu jkun aċċessibbli għal persuni bi bżonnijiet speċjali permezz ta' rampi jew *lift* għall-passiġġieri. F'każ li dawn il-faċilitajiet mhumiex disponibbli, il-kuntrattur għandu jipprovdi *lift* jew rampa (skont il-bżonn tal-binja) mal-firma tal-kuntratt.
6. L-uffiċċji għandhom ikunu mgħammra (iżda mhux limitati) b' dawn li ġejjin:

    a) b'arja kkundizzjonata

    b) *Kitchenette*

    *c) CAT 6 cabling [network* u *telephony]*

    *d) Board Room/Waiting Area*

7. Il-binja għandha tkun konformi mar-regolamenti tal-bini bħall-Awtorità tal-Ippjanar, OHSA u Building Efficiency, u kif ukoll permess speċifiku għall-bini ta' użu għall-uffiċċji. F'każ li dan mhuwiex disponibbli, il-kuntrattur għandu japplika għall-permess mal-firma tal-kuntratt u l-ispejjeż relatati għandhom ikunu mħallsa mill-kuntrattur.
8. Il-binja għandha tkun assikurata u inkluża fil-prezz kwotat.
9. Il-perjodu ta' kera għandu jkun bejn 5 u 10 snin.

**<u>Il-Proposta u l-Offerta Finanzjarja</u>**

Is-sottomissjonijiet iridu jinkludu d-dokumenti u l-informazzjoni hawn taħt imsemmija u għandhom ikunu ppreżentati <u>f'din is-sekwenza</u>:

a. Dettalji ta' kuntatti personali tas-sid tal-bini li jinkludu indirizz postali, numri tat-telefon u indirizz elettroniku;
b. Il-lokalità eżatta u l-indirizz tal-fond offrut;
c. L-*area* offruta f'metri kwadri (għal kull sular jekk applikabbli);
d. Fuq kemm-il sular qiegħed mifrux (inkluż l-*area* f'kull sular) il-bini;
e. Informazzjoni relatata dwar jekk l-*area* offruta teżistix waħedha jew tagħmilx parti minn blokk;
f. Dettalji dwar jekk il-fond huwiex fi stat komplut (*finished*) li tista' tidħol fih mill-ewwel, jew xort'oħra.
g. Dikjarazzjoni li *waiting area / boardroom* se tkun offruta. Apparti minn hekk, lista ta' faċilitajiet offruti fil-binja għandha tkun inkluża fis-sottomissjoni. Din għandha tinkludi minn tal-inqas: arja kkundizzjonata, żewġ faċilitajiet ta' *toilet/bathroom*: (a) nisa/irġiel u (b) persuni bi bżonnijiet speċjali, *kitchenette* u *CAT 6 cabling*.
h. L-offerta finanzjarja għandha tingħata fil-forma hawn taħt imsemmija:
    i. Prezz annwali kull metru kwadru (*office space*)
    ii. Prezz totali annwali (*office space*)
    iii. Prezz annwali għall-komun
    iv. Żieda annwali, jekk applikabbli
    v. **L-Ispiża totali (għal perjodu ta' bejn 5 u 10 snin) li tinkludi l-punti kollha msemmija hawn fuq iżda li tkun VAT eskluż**

i. Sett ta' ritratti kemm ta' ġewwa u ta' barra tal-propjetà bil-faċilitajiet offruti (jinkludu *lifts* fejn japplika);

j. Kopja tal-pjanti tal-propjetà (skala 1:100) li jidentifikaw il-faċilitajiet identifikati hawn fuq;

k. Kopja tal-approvazzjoni tal-pjanti tal-bini mill-Awtorità tal-Ippjanar (jekk hu disponibbli);

l. Kopja tal-permess li l-binja tista' tintuża bħala uffiċċini (jekk hu disponibbli);

m. Ċertifikat tal-OHSA – din hi applikabbli jekk il-binja tinsab fi stat komplut (jekk hu disponibbli);

n. *Energy Performance Certification*;

o. Dikjarazzjoni minn ARMS Ltd li m'hemmx kontijiet pendenti fuq il-fond (din hi applikabbli jekk il-binja tinsab fi stat komplut);

p. Prova li l-binja hi aċċessibbli għal persuni bi bżonnijiet speċjali; billi jkun sottomess ċertifikazzjoni jew komunikazzjoni mal-KNPD (jekk hu disponibbli);

q. Kopja tal-polza tal-assikurazzjoni – din hi applikabbli jekk il-binja tinsab fi stat komplut; u

r. Jekk id-dokumentazzjoni msemmija f'punti nr. (k) sa (q) ta' din is-sezzjoni mhumiex disponibbli, is-sid tal-binja għandu jibgħat dikjarazzjoni li dawn id-dokumenti se jkunu sottomessi immedjatament u mingħajr dewmien żejjed malli l-binja tkun kompluta mix-xogħlijiet neċessarji sabiex titlesta u tiġi fi stat komplut jew mal-firma tal-kuntratt.

   Kull spiża relatata mas-sottomissjoni ta' dawn id-dokumenti se tkun imħallsa mis-sid tal-binja.

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI**

**MINISTRY FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT**

**MALTA**

*Ministerial Procurement Unit*

*Ministerial Procurement Unit*

**Struzzjonijiet għall-Proponenti:**

Il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali se jkun qed jilqa' offerti għal spazju ta' uffiċċju f'Bormla, Birgu, l-Isla jew il-Kalkara, iżda huwa importanti li din l-Espressjoni ta' Interess mhux bilfors twassal għall-firma tal-kuntratt. Il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għandu d-dritt li jagħżel jew ma jilqax l-offerti tas-sottomissjonijiet. Il-Ministeru jista' jiddeċiedi li ma jipproċedix bil-proċess tal-għażla.

Il-proponent għandu jikkonsidra li l-Espressjoni sottomessa għandha tkun skont it-termini u kundizzjonijiet identifikati f'dan id-dokument. Il-proponent huwa responsabbli għall-ispejjeż u l-ħlasijiet kollha inkorsi fil-parteċipazzjoni ta' dan il-proċess, u l-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali m'għandu, taħt l-ebda ċirkustanza, jinżamm responsabbli għal dawn l-ispejjeż, ħlasijiet, miżati, rimborżi, ħsara u/jew telf konnessi ma' dan il-proċess.

L-evalwazzjoni ssir skont l-orħos il-prezz kull metru kwadru (li jinkludu l-faċilitajiet kollha msemmija f'dan id-dokument). Il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali jirriserva d-dritt li jitlob żjara fuq is-sit waqt l-istadju ta' aġġudikazzjoni u biex jitlob xi kjarifiki. Nuqqas ta' dan jista' jwassal għal skwalifikazzjoni tal-offerta.

L-offerta għandha tkun iffirmata mill-Kuntrattur u/jew il-firmatarju awtorizzat. Il-kundizzjonijiet ġenerali tal-Gvern japplikaw.

Sottomissjonijiet għandhom jaslu f'envelopp issiġillat immarkat **Kunfidenzjali**, ikun ikkwotat it-**Titlu** u n-**Numru ta' Riferenza** ta' din is-Sejħa, u jkun miktub **l-isem tal-Kuntrattur / Sid** u jiġi **mwassal bl-idejn** fl-indirizz t'hawn taħt imsemmi sa **nofsinhar (12:00) ta' nhar il-Ġimħa 25 ta' Jannar 2019:**

*Ministerial Procurement Unit*

*Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali,*

*123, Triq Santa Luċija,*

*Il-Belt Valletta*